# ‘Iż-żgħażagħ jeħtieġu n-natura kif in-natura teħtieġ iż-żgħażagħ’

## Seminar tal-għeluq tal-proġett Lifelong Learning through Nature

BirdLife Malta b’kollaborazzjoni mad-Direttorat għall-Kwalità u l-Istandards fl-Edukazzjoni llum organizzat is-seminar tal-għeluq tal-proġett Lifelong Learning through Nature li sar fil-Middle School tal-Blata l-Bajda.

F’turija ta’ appoġġ għal din is-sħubija, għas-seminar attenda l-Ministru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol Evarist Bartolo li f’diskors li għamel, faħħar dan il-proġett u tkellem dwar kemm hu importanti li l-istudenti joħorġu fl-ambjent naturali għal esperjenzi ta’ tagħlim barra mill-klassi. Hu qal li din hi xi ħaġa li m’għandhiex tiġri biss darba fis-sena u kompla li l-pass importanti li jmiss issa hu li dan ix-xogħol jiġi akkreditat biex tkun rikonoxxuta l-importanza tiegħu. Il-Ministru Bartolo qal ukoll li hemm oqsma oħra li jistgħu jiġu żviluppati fil-futur, fosthom klabbs wara l-ħin tal-iskola li jestendu l-ammont ta’ ħin li fih l-istudenti jkollhom l-opportunità li jgawdu minn programmi bħal dawn.

Il-proġett Lifelong Learning through Nature huwa riżultat tal-kunċett li ż-żgħażagħ jeħtieġu n-natura, waqt li n-natura min-naħa tagħha, għandha bżonn iż-żgħażagħ. Huwa fundamentali għall-konservazzjoni li jkun hemm bidla pożittiva fl-edukazzjoni, il-mentalità u l-mod kif iġibu ruħhom it-tfal u ż-żgħażagħ tagħna biex dawn japprezzaw il-ħtieġa li jħarsu lid-dinja ta’ madwarhom u li jgħixu b’mod sostenibbli.

Il-proġett iffoka fuq l-iżvilupp ta’ riżorsi għal edukazzjoni ambjentali u edukazzjoni marbuta mal-iżvilupp sostenibbli u ħadem mill-qrib ma’ tfal u studenti mis-snin bikrija sal-Post-Sekondarja permezz ta’ attivitajiet edukattivi formali u informali. Dawn ir-riżorsi ġew ippreżentati waqt is-seminar minn numru ta’ kelliema li kienu involuti fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tar-riżorsi stess. Għas-seminar attendew edukaturi u uffiċjali edukattivi, prinċipali ta’ kulleġġi u kapijiet ta’ skejjel.

Inizjattiva partikolari li se titnieda matul din is-sena skolastika hija sħubija bejn BirdLife Malta u l-Kulleġġ Malti għall-Arti, ix-Xjenza u t-Teknoloġija (MCAST) u li wasslet għall-iżvilupp ta’ żewġ taqsimiet ġodda fil-kurrikulu marbutin mas-sostenibbiltà ambjentali.

Hi u titkellem dwar din l-inizjattiva, il-Koordinatur tax-Xjenza fl-MCAST Daniela Psaila qalet: “Il-ħolqien ta’ kuxjenza dwar l-ambjent naturali u l-iżvilupp sostenibbli fost l-istudenti tagħna hu importanti ħafna għax dan hu aspett li jolqot lil kulħadd immaterjalment mis-suġġett li jkun qed jistudja jew il-karriera li jkun għażel.”

Element ieħor prinċipali ta’ dan il-proġett kienet riċerka li saret b’kollaborazzjoni mal-Università ta’ Malta u li r-riżultati tagħha kienu ppreżentati waqt is-seminar ta’ nofstanhar li sar illum. Minn din ir-riċerka ħarġet evidenza ċara li turi kemm l-edukazzjoni li tingħata barra mill-klassi u li t-tfal jirrelataw man-natura huma kruċjali għas-saħħa, il-*well-being* u l-edukazzjoni tagħhom. Din l-informazzjoni flimkien mal-esperjenza miksuba issa qed jinqasmu mat-tliet imsieħba internazzjonali biex iservu ta’ appoġġ fl-implimentazzjoni tal-istess riżorsi fil-pajjiżi tagħhom u f’pajjiżi oħrajn Ewropej. Il-mira hi li l-għanijiet tal-proġett jintlaħqu bis-saħħa tat-tisħiħ tal-

koperazzjoni transnazzjonali bejn dawk li jipprovdu edukazzjoni u taħriġ f'dawn il-pajjiżi.

L-Education Manager ta' BirdLife Malta Hannah Chisholm ikkummentat hekk dwar dan il-proġett: "Meta naħdmu flimkien inkunu qed naqsmu bejnietna l-aħjar mezzi biex nilħqu l-miri tagħna u fl-istess ħin nitgħallmu minn xulxin kif nistgħu niżviluppaw riżorsi komuni għal gruppi ta' etajiet differenti".

Dan il-proġett wera kif Malta, bħala pajjiż żgħir fejn faċilment jistgħu jiġu ppruvati fuq livell nazzjonali inizjattivi ta' dan it-tip, tista' sservi bħala mudell fejn jiġu ttestjati proġetti bħal dawn biex imbagħad ir-riżultati miksuba, wara li jiġu evalwati, jinqasmu ma' pajjiżi oħra biex dawn jadottawhom.

BirdLife Malta tixtieq tirringrazzja lil dawk l-organizzazzjonijiet u individwi kollha li kellhom sehem biex dan il-proġett jirnexxi. Bħala NGO ambjentali nħarsu 'l quddiem lejn aktar ħidma f'dan il-qasam bħala parti mill-missjoni tagħna li niżguraw li jkollna ġenerazzjoni futura li tħares u tirrispetta l-ambjent aktar mill-ġenerazzjoni tal-lum.

**TMIEM**

**Nota għall-edituri:**
Lifelong Learning through Nature (LLN) hu proġett mifrux fuq tliet snin (2014-2017) immexxi minn BirdLife Malta. Il-proġett iffinanzjat minn fondi tal-Erasmus+ qed isir b'kollaborazzjoni mal-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol u ma' tliet imsieħba internazzjonali li wkoll huma NGOs tal-konservazzjoni tal-għasafar: ir-Royal Society for the Protection of Birds (RSPB) tar-Renju Unit, BirdWatch Ireland, u l-Polish Society for the Protection of Birds (OTOP).

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Ħoloq utli:**
Il-programm Dinja Waħda ta' BirdLife Malta
http://birdlifemalta.org/education/dinja-wahda
https://www.facebook.com/DinjaWahda

Lifelong Learning through Nature
http://www.birdlifemalta.org/lln
http://birdlifemalta.org/education/lln-2

Biex issir membru ta' BirdLife Malta
http://birdlifemalta.org/become-member

**Ritratti:**
1. Ritratti tas-seminar tal-lum jinsabu mehmużin ma' din l-istqarrija.
2. Għażla ta' ritratti meħuda waqt attivitajiet relatati man-natura għat-tfal tal-iskejjel u l-għalliema tista' titniżżel minn hawn: https://we.tl/Bru4aGpcsF

Erasmus+ BirdWatchIreland protecting birds and biodiversity rspb giving nature a home OTOP